**L-NCPE tilqa' l-liġi dwar il-mekkaniżmu korrettiv tas-sessi**

Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (l-NCPE) tilqa' l-liġi dwar il-mekkaniżmu korrettiv tas-sessi permezz ta' qbil bejn iż-żewġ naħat fil-Parlament Malti. Il-liġi l-ġdida se talloka siġġijiet Parlamentari addizzjonali għas-sess sottorappreżentat meta s-sess sottorappreżentat jikseb inqas minn 40% tas-siġġijiet.

Matul is-snin, Malta għamlet passi kbar fil-qasam tal-ugwaljanza bejn is-sessi kif jidher b'mod partikolari fiż-żieda qawwija fir-rata tal-impjiegi tan-nisa. Madankollu, Malta konsistentement baqgħet lura fejn tidħol rappreżentanza bilanċjata tan-nisa f'pożizzjonijiet ta' poter. Il-liġi li tistabbilixxi l-mekkaniżmu korrettiv tas-sessi se tħalli effett dirett u tanġibbli sabiex intejbu l-ugwaljanza fil-qasam tal-poter, u b'hekk nindirizzaw id-defiċit demokratiku li ilna fih għal żmien twil fejn nofs il-popolazzjoni tal-pajjiż kienet konsistentement ssottorappreżentata b'mod qawwi fl-ogħla istituzzjoni.

Sabiex tiġi żgurata l-effettività ta' din l-inizjattiva, il-mekkaniżmu għandu japplika fix-xenarji kollha u mhux biss meta żewġ partiti jiġu eletti fil-Parlament.

L-NCPE tawgura li din il-liġi tkun akkumpanjata minn miżuri oħra meħtieġa sabiex tiżdied il-parteċipazzjoni tan-nisa fil-politika, fosthom Parlament li huwa favur il-familja, jiġu eradikati l-isterjotipi tal-ġeneru u azzjoni mill-partiti politiċi biex tiġi żgurata rappreżentanza ugwali tal-ġeneru u parteċipazzjoni fil-livelli kollha fl-entità tagħhom kif ukoll sabiex joħorġu aktar kandidati nisa biex jikkontestaw l-elezzjonijiet ġenerali.

**23 ta' April 2021**